MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 555/2008

**Innovative Business Solutions Ltd (C 39062)**

**Vs**

**Quality Export & Imports Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l**-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ Lulju 2008, fejn intalab illi s-socjeta` attrici esegwiet xoghol ta’ *recruitment services* fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta. Illi nonstante interpellata diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru

1489/08 u bl-imghax legali mit-12 ta’ Gunju 2007 sal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar il-31 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha eccepiet :

1. Illi t-talbiet ghall-hlas ta’ erba’ mija u tnax-il euro (€412.00) hija kontestata totalment ghaliex l-ammont mhux dovut kif jista’ jirrizulta ampjament.
2. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` attrici ma sabet ebda impjegat idonju ghal impjieg rikjest.
3. Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigata ssib zewg impjegati (a) *credit controller* u (b) *Administrator* : Bhala *credit controller* nstabet impjegata li ukoll ma kienetx tal-livel rikjest izda giet assenjata bhala segretarja normali u ta’ dan is-socjeta` intimata hallset lis-socjeta` attrici.
4. Illi ghar-rigward tal-kariga ta’ *administrator* ma nstab ebda impjegat idonju tant li l-ewwel persuna mibghuta pprezentat ruhha ghax-xoghol fi stat fiziku hazin (*hangover*) u ntbaghtet lura d-dar. Stante li ma giet provduta ebda persuna idonja ma giex moghti s-servizz hawn issa vvantat mertu tal-kaz. Ghaldaqstant t-talbiet attrici huma mhux biss infondati izda illegittimi.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
6. Illi ulterjurment d-direttur tas-socjeta` attrici Dr. Doreen Turner insistiet li jsir dan il-hlas u wara jigi pprezentat impjegat idonju.

Is-socjeta` intimata insistiet illi hija kienet disposta thallas biss wara li tinghata s-servizz u jinstab impjegat adattat u wara jsir il-hlas kif suppost.
Stante illi ma nghatatx ebda servizz mhuwiex dovut ebda hlas kif pretiz.

Sema’ x-xhieda ta’ **Olaf McKay** prodott mis-socjeta` attrici fejn ikkonferma illi l-*manager* tas-socjeta` konvenuta Paul Caruana kien accetta *quotation* mis-socjeta` attrici ghar-reklutagg ta’ zewg (2) impjegati u kienu anke` bdew l-*interviews* da parte tas-socjeta` attrici fejn gew maghzula zewg kandidati: wahda ghal *credit control* u l-ohra ghall-*administrator.* Inoltre, fit-tali *quotation,* kien hemm imnizzel illi s-socjeta` konvenuta kellha thallas lil dik attrici wara

sittin gurnata, u kien fin-nuqqas ta’ dan illi s-socjeta` attrici bdiet titlob il-flus u kien ezatt wara dan il-mument illi s-socjeta` konvenuta bdiet tallega l-fatt illi l-impjegati ma kienux idonei.

Illi ai fini ta’ l-allegazzjoni illi l-*amdninistrator* ma kienitx impjegata idonea, l-istess xhud ikkonferma illi kienu sarulha serie ta’ *interviews* u l-impjegata kienet ukoll lawreata.

Illi l-istess xhud ikkonferma ukoll il-fatt illi s-socjeta` attrici kienet ghamlet offerta illi jekk jithallas il-kont pendenti, kienu se jissostitwixxu l-impjegata.

Sema’ ukoll x-xhieda ta’ **Dr. Doreen Bilocca** in rappresentanza tas-socjeta` attrici fejn ikkonfermat illi kienu saru *interviews* ghall-kandidati maghzula u spjegat il-process ta’ l-ghazla. Inoltre`, l-istess xhud esebiet Dok DB 1 konsistenti f’kopja tal-kwotazzjoni illi ghamlu lis-socjeta` konvenuta fejn hemm indikata il-konferma taghhom kif ukoll il-hlas ta’ hamsin fil-mja (50%) tal-prezz.

Illi kkonfermat ukoll li kien sar ftehim mas-socjeta` konvenuta illi anke’ jekk ma jinstabux l-impjegati, is-socjeta` attrici kellha tithallas tax-xoghol illi kienet ghamlet, u dan minhabba l-fatt illi kienet tkun is-socjeta` attrici biss inkarigata fl-ghazla ta’ l-impjegati.

Illi s-socjeta` konvenuta kienet infurmat lis-socjeta` attrici tramite s-Sur Caruana illi l-impjegata kienet marret *b’hangover* fl-ewwel gurnata wara illi l-istess socjeta` attrici bdiet titlob il-flus dovuti lilha. Inoltre, l-istess impjegata ghadha impjegata mas-socjeta` konvenuta sal-lum, pero` tahdem ta’ segretarja.

Illi fil-kontro-ezami taghha, l-istess xhud sostniet illi s-servizz li s-socjeta` attrici kienet tat kien sar peress illi giet mitluba mis-socjeta` konvenuta sabiex tipprovdi tnejn min-nies.

Sema’ x-xhieda ta’ **Paul Caruana** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta fejn ikkonferma illi kienu qabbdu lis-

socjeta` attrici sabiex taghmel rekrutagg ghall-*credit controller* u *administrator* u din ta’ l-ahhar dahlet b’*hangover* fl-ewwel gurnata tax-xoghol u kienet twaqqfet b’mod immedjat. Huma kienu gharrfu lis-socjeta` attrici. Illi wara ftit, irrealizzaw illi anke` l-*credit controller* ma kienetx tajba ghax-xoghol inkarigata.

Illi l-istess xhud ipprezenta document immarkat Dok PC 1 konsistenti f’kopja tal-kont miftiehem bejniethom ammontanti ghal tmien mija hamsa u hamsin euro (€855.00). Inoltre, l-istess xhud zied jghid illi s-socjeta` konvenuta kienet hallset mija u hamsin Lira Maltin (Lm150.00).

Illi l-istess xhud ikkonferma illi wara t-talba attrici sabiex jibghatu iktar nies, is-socjeta` konvenuta kienet irrifjutat illi jintbaghtu nies li mhux tajbin ghax-xoghol u stqarr ukoll illi kien qalilhom illi kien lest ihallas il-kont sakemm jintbghatu tnejn min-nies idonei ghall-postijiet hekk kif rikjesti minnhom.

Fil-kontro-ezami tieghu, l-istess xhud cahad il-fatt illi s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet xi *interviews* liz-zewg impjegati u ma kienx kellimhom qabel ma gew ingaggati.

Inoltre, ix-xhud kien kellem lil Olaf McKay meta kienu keccew lill-administrator u Dr. Doreen, da parte tas-socjeta` attrici kienet infurmathom sabiex ihallsu l-kont imbaghad kienu se jipprovdulhom persuna ohra, liema proposta giet rifjutata da parte tas-socjeta` konvenuta fuq il-bazi illi skond huma, s-servizz ma nghatax.

Meta rega` xehed fis-16 ta’ Novembru 2009, qal li “*l-ammont riklamat minni, jiena qatt ma rrifjutajt illi nhallashom imma d-dispjut dejjem qamet fil-fatt illi s-socjeta` attrici dejjem talbitni flus bil-quddiem biex jergghu jaghmlu r-recruitment ta’ dawn iz-zewg posts………Ahna konna qabbadna s-socjeta` attrici biex nevitaw il-hin u jaghmlu s-short listing huma…….. jiena dejjem sostnejt mas-socjeta` attrici li jekk jaghmlulna r-recruitments fil-posts li ridna, igiefieri il-credit control u l-administration, allura jiena kont lest li nhallas id-differenza illi qed jitolbu*

*f'din il-kawza. Huma riedu li l-ewwel nhallas mbghad jibghatu n-nies*".

In kontro-ezami jikkonferma illi regolarment kienu jigi nfurmat illi l-interviews kienu qed isiru.

**Rosalie Ablett**, prodotta mis-socjeta` konvenuta, tispjega illi ilha mas-socjeta` konvenuta ghal madwar 10 snin fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani u ittiehdet decizjoni illi titqabbad kumpannija professjonali ghall-ingagg ta' xi nies illi kien hemm bzonn. Tghid illi bhala Administrator kienet intbaghtet certu Bernice li fl-ewwel gurnata taghha kienet qaltilha "*Ommi ma, x'hangover ghandi*" u ghamlet gurnata rieqda fuq id-desk. Tghid illi wara li fit-tieni gurnata ghamlet gurnata tilghab bil-mobile, ma ressqitx aktar ghax-xoghol. Tghid illi din Bernice ma gietx replaced. Issemmi ukoll li s-socjeta` attrici baghtet bhala credit controller lil certa Dorothy Caruana, persuna *soft spoken* hafna, li sussegwentament baqghet mas-socjeta` konvenuta bhala clerk u mhux bhala credit controller.

In kontro-ezami x-xhud tghid illi l-interviews ghaz-zewg posts saru mis-socjeta` attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas li kien miftiehem illi jsir lilha ghal-servizz illi kien miftiehem illi jigi pprestat. Il-kundizzjonijiet mifthema kienu illi s-socjeta` attrici tiehu hsieb illi taghmel interviews ta' persuni ghal zewg posts illi xtaqghet timla s-socjeta` konvenuta, liema interviews setghu isiru fil-premises ta' socjeta` minnhom jew l-ohra. Hamsin fil-mija tar-rimunerazzjoni mifthema thallset mal-ftehim, kif miftiehem u 50% ohra kellhom jithallsu fi zmien 60 gurnata.

Filwaqt illi s-socjeta` attrici tikkontendi illi x-xoghol taghha ghamlitu, ghamlitu sewwa u skond il-ftehim u baghtet in effetti zewg persuni ghall-impjieg mas-socjeta` konvenuta, minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tilmenta illi t-tnejn minn nies mibghuta ma kienux tajba – wahda in effetti telqet wara jumejn u l-ohra nzammet fl-impjieg f'kariga ohra.

Interessanti x-xhiedha ta' Paul Caruana, rappresentant tas-socjeta` konvenuta meta ighid illi jekk jibghatu n-nies, huwa lest li jhallas. It-Tribunal jinnota illi in effetti l-process ta' l-ghazla sar mis-socjeta` attrici u n-nies intbaghatu – ma kienux pero` ghall-ahjar xewqat u aspettattivi tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-servizz miftiehem bejn il-kontendenti u mistenni li jigi ppresetat mis-socjeta` konvenuta huwa wiehed partikolari – l-ghazla tal-persuni ghal mili ta' vakanzi f'post tax-xoghol ta' haddiehor. In effetti, kif jixdhu l-istess rappresentanti tas-socjeta` konvenuta, agenzija bhas-socjeta` attrici titqabbad biex jigi ffrankat il-hin tal-interviews u s-short-listing.

Jigi rilevat illi ma jidhirx kontestat illi l-interviews saru u n-nies gew maghzula. Naturalment dawn gew maghzula soggettivament ghal kif gew assessjati mis-socjeta` attrici kif kienet mitluba taghmel. Inkarigu bhal dan jigi moghti lill-agenzija bhal dik attrici, peress illi min iqabbadha jkollu fiducja fiha illi ser taghzel l-aqwa nies ghall-vakanzi li hemm – altrimenti, jekk ma jkunx hekk – jahli l-hin hu u jaghmel hu l-interviews u s-short-listing hu. Ghalhekk qed jigi present – u t-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jifhem mod iehor – illi meta tqabbdet is-socjeta` attrici – is-socjeta` konvenuta kellha fiducja shiha fiha illi jintaghazlu nies tajbin.

Issa jirrizulta mill-atti illi l-interviews saru u x-xoghol (ta' hela ta' hin) s-socjeta` attrici ghamlitu. Jirrizulta ukoll illi ntbaghtu tnejn minn nies ghaz-zewg posts. Jirrizulta illi wahda nzammet fl-imjieg, imma f'post iehor u l-ohra addirittura telqghet wara jumejn.

It-Tribunal irid jara u jevalwa jekk ir-ragunijiet tas-socjeta` konvenuta li ma thallasx humiex giustifikati.

Jibda biex jikkunsidra illi persuna li tmur b'*hang over* ghax-xoghol fl-ewwel gurnata taghha mhix verament responsabbilita` tas-socjeta` attrici sakemm ma jigix ppruvat illi kien hemm xi negligenza fl-ghazla taghha. Dan ma sarx u anzi irid jinghad illi t-Tribunal isib ftit stramb illi din kellha hang over fl-ewwel gurnata u thalliet tirraporta ghat-tieni gurnata tax-xoghol taghha.

Dwar it-tieni persuna, jidher illi din ma kienitx accettabbli ghall-post li ntbagjtet peress illi hija "*soft-spoken*". Di fatti inzammet fl-impjieg imma f'post iehor. Li tkun soft-spoken ma tkun tajjeb ghal post ta' credit controller hija *assessment* tas-socjeta` konvenuta li mhux bilfors illi huwa korrett – u fuq kollox huwa soggettiv ghal mod kif thares lejha is-socjeta` konvenuta.

F'kull kaz mit-tnejn in ezami – ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta` attrici, u t-Tribunal ma jarax illi s-socjeta` konvenuta hija gustifikata illi zzomm il-pagament sakemm isir l-mili tal-vakanzi.

Bl-attitudini u l-argument tas-socjeta` konvenuta allura kull post illi jigi mimli ghandhom jistennew l-perjodu ta' probation sabiex jassessjaw verament hix tajba ghall-post mimli, u mbaghad isir il-hlas jekk il-post jibqa` mimli. Dan ma kienx l-intendiment u l-ftehim ta' bejn il-partijiet li fuq kollox jistipula illi l-bilanc ta' hamsin fil-mija kellu jithallas fi zmien 60 jum.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal wara li evalwa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara illi sema` x-xhieda kollha u ra d-dokumenti kollha prodotti, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' erba` mija u tnax il-Euro (€412) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------